IL-QORTI EWROPEA TAL-AWDITURI

MT

# Stqarrija għall-Istampa

**Il-Lussemburgu, is-17 ta' Marzu 2016**

## "Qed ikun diffiċli li tiġi ddimostrata l-effettività" tal-infiq tal-UE fuq il-politika dwar il-migrazzjoni fil-pajjiżi tal-viċinat, jgħidu l-Awdituri tal-UE

**Skont il-Qorti Ewropea tal-Awdituri, qed ikun diffiċli li tiġi ddimostrata l-effettività tal-infiq tal-UE fuq il-politika esterna dwar il-migrazzjoni fil-pajjiżi tal-viċinat. L-ewwel rapport tal-awdituri dwar il-politika esterna dwar il-migrazzjoni jiġbed l-attenzjoni għal għadd ta' dgħufijiet fl-infiq li jeħtieġ li jiġu indirizzati biex isir titjib fil-ġestjoni finanzjarja: il-kumplessità tal-objettivi tal-politika u tal-governanza, l-impossibbiltà li jitkejlu r-riżultati tal-politika, is-suċċess limitat fir-ritorn ta' migranti lejn il-pajjiżi ta' oriġini tagħhom u l-problemi ta' koordinazzjoni bejn korpi differenti tal-UE u bejn il-Kummissjoni Ewropea u l-Istati Membri.**

*"Il-migrazzjoni tirrappreżenta sfida fundamentali għall-Unjoni Ewropea",* **qalet Danièle Lamarque, il-Membru tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri responsabbli għar-rapport.** *"L-infiq tal-UE fuq il-politika dwar il-migrazzjoni fil-pajjiżi tal-viċinat ikun effettiv biss jekk jiġu ssettjati objettivi ċari, jekk il-fondi jiġu allokati għal prijoritajiet iddefiniti b'mod ċar, u jekk isir titjib fil-governanza u fil-koordinazzjoni bejn il-korpi tal-UE u mal-Istati Membri."*

L-awdituri koprew pajjiżi fil-Viċinat tal-Lvant u tan-Nofsinhar, b'mod speċifiku l-Alġerija, il-Georgia, il-Libja, il-Moldova, il-Marokk u l-Ukrajna. B'kollox huma eżaminaw 23 proġett, li kienu jirrappreżentaw valur kuntrattwali ta' EUR 89 miljun minn ammont totali ta' EUR 742 miljun. Is-sejbiet prinċipali tagħhom kienu:

Ma hemmx strateġija ċara: Il-politika esterna tal-UE dwar il-migrazzjoni hija appoġġata minn firxa ta' strumenti finanzjarji – kemm programm tematiku ddedikat kif ukoll bosta strumenti oħra (inkluża parti mill-Istrument Ewropew ta' Viċinat). Il-programm tematiku ġie ssettjat fuq objettivi wesgħin ħafna, filwaqt li l-Istrument ta' Viċinat kien jikkonċerna parzjalment il-migrazzjoni iżda ma kienx jinkludi għanijiet speċifiċi għall-migrazzjoni. L-istrumenti l-oħra għandhom l-għanijiet proprji tagħhom u ma jiffukawx fuq il-migrazzjoni. L-objettivi ta' dawn l-istrumenti kollha ma kinux interkonnessi, u ma kienx hemm strateġija ċara biex jiġi ddeterminat il-kontribut li kull wieħed minnhom għamel għall-politika dwar il-migrazzjoni. Għalhekk, mhuwiex possibbli li jiġi vvalutat il-livell sa fejn huma avvanzaw il-politika esterna tal-UE dwar il-migrazzjoni.

***L-iskop ta' din l-istqarrija għall-istampa huwa li jingħataw il-messaġġi prinċipali tar-rapport speċjali adottat mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri.***
*Ir-rapport sħiħ jinsab fuq www.eca.europa.eu*


# ECA Press

**Mark Rogerson – Kelliem** **T: (+352) 4398 47063** **M: (+352) 691 55 30 63**
**Damijan Fišer – Uffiċjal għall-Istampa** **T: (+352) 4398 45410** **M: (+352) 621 55 22 24**
**12, rue Alcide De Gasperi - L-1615 Luxembourg**
**E: press@eca.europa.eu @EUAuditorsECA eca.europa.eu**

Mhuwiex possibbli li jiġi ddeterminat l-infiq totali: Għalkemm l-UE tuża firxa ta' strumenti finanzjarji, hija ma għandhiex *data* preċiża dwar l-ammont li kull wieħed minnhom jikkontribwixxi għall-infiq fuq il-politika dwar il-migrazzjoni. L-awdituri jistmaw li, għall-perjodu 2007-2013, l-infiq totali kien ta' EUR 1.4 biljun, iżda kien fil-każ tal-programm tematiku biss li setgħu jiddeterminaw eżattament kemm intnefaq (EUR 304 miljun). Minħabba dgħufijiet fis-sistemi ta' informazzjoni tal-Kummissjoni, huma lanqas ma setgħu jaċċertaw sa liema punt il-fondi tal-UE ġew allokati għall-prijoritajiet tematiċi jew ġeografiċi prinċipali permezz tal-programm tematiku dwar il-migrazzjoni.

Ma hemmx evidenza ċara li qed tingħata prijorità lill-viċinat: L-awdituri jistmaw li l-programm tematiku jiddedika biss 42 % tal-fondi għall-viċinat tal-UE, li għalhekk ma jistax verament jitqies bħala prijorità ġeografika prinċipali. Dan jista' anke jitqies li mhuwiex konċentrazzjoni suffiċjenti ta' fondi disponibbli għall-indirizzar tal-instabbiltà li dejjem qed tikber fil-qasam tal-migrazzjoni.

Frammentazzjoni tal-finanzjament: Ir-riżorsi ddedikati għall-assistenza għall-pajjiżi mhux tal-UE naqsu ferm milli jissodisfaw il-ħtiġijiet, li qed jespandu b'mod rapidu, ikkawżati miż-żieda sinifikanti fil-migrazzjoni irregolari fir-reġjun tal-Mediterran, speċjalment wara l-2013. Billi l-proġetti kienu jagħmlu parti minn għadd ta' prijoritajiet tematiċi f'ħafna pajjiżi, ma kienx possibbli li massa kritika ta' finanzjament tiġi ffukata fuq xi pajjiż sieħeb partikolari. Pereżempju, il-programm tematiku kopra żona ġeografika kbira u firxa wiesgħa ta' interventi li n-natura u l-ambitu tagħhom kienu differenti ħafna. La l-ambitu għal azzjoni taħt il-programm u lanqas l-ambizzjoni tal-objettivi tiegħu ma kienu relatati mal-volum limitat ta' riżorsi disponibbli, li jfisser li l-proġetti kienu mifruxa wisq biex ikollhom massa kritika suffiċjenti biex jipproduċu riżultati sinifikanti fil-pajjiżi kkonċernati. Din is-sitwazzjoni illimitat il-ħila tal-UE li tiżgura li l-intervent tagħha jipproduċi effett ġenwin ta' inċentiv fil-pajjiżi mhux tal-UE, jew li tiżviluppa kooperazzjoni effettiva magħhom dwar il-problemi tal-migrazzjoni. Fi żmien meta r-riżorsi huma skarsi, dawn iridu jiġu allokati għal prijoritajiet fejn hemm l-akbar potenzjal biex il-valur jiżdied.

Monitoraġġ u sorveljanza mhux tajbin biżżejjed: L-indikaturi magħżula għall-monitoraġġ ma rriflettewx l-objettivi kollha tal-programm tematiku. L-indikaturi tar-riżultati kejlu l-attivitajiet iffinanzjati, iżda rarament kejlu r-riżultati li kisbu. Ftit kienu l-proġetti awditjati li kellhom indikaturi tar-riżultati b'linji bażi u miri. L-indikaturi kwantifikabbli ma ġewx ikkwantifikati, l-indikaturi fil-baġits inbidlu minn sena għall-oħra, xi strumenti ma kinux koperti, l-indikaturi ma kinux reċiprokament konsistenti (pereżempju, bejn il-baġit u r-rapport tal-attività), u dawn ma ġewx iddokumentati b'mod tajjeb biżżejjed. Pereżempju, l-istess ċifra ngħatat fl-2009 u fl-2010 għall-għadd ta' migranti irregolari li ġew identifikati u ammessi mill-ġdid f'pajjiżi mhux tal-UE. Konsegwentement, ir-riżultati tal-politika ma setgħux jiġu mmonitorjati jew irrappurtati korrettament b'mod komprensiv u kkoordinat.

Id-dgħufijiet ikkompromettew l-effettività tal-infiq: F'żewġ terzi tal-proġetti kkompletati li ġew awditjati, l-objettivi ntlaħqu parzjalment biss. Dan kien ta' spiss minħabba n-natura eċċessivament vaga jew ġenerali tagħhom, li ta' spiss għamlitha impossibbli li r-riżultati jitkejlu. Fi ftit ħafna mill-każijiet, l-instabbiltà politika wkoll kellha rwol. Xi proġetti kienu aktar immirati lejn l-interessi tal-Istati Membri, u dan illimita l-impatt tagħhom fil-pajjiżi sħab.

L-awdituri identifikaw għadd żgħir ta' każijiet fejn dawn id-dgħufijiet ġew indirizzati b'mod adatt. Eżempju ta' dan huwa ta' proġett fil-Marokk fejn ittieħed ħsieb ta' 4,500 migrant sub-Saħarjan, li kienu fi stat vulnerabbli ħafna, billi dawn ingħataw akkomodazzjoni fi tliet ċentri ta' akkoljenza u billi ġie żgurat li d-drittijiet tagħhom ikunu magħrufa u jiġu rispettati.

Kien hemm nuqqas ta' effettività fi tliet oqsma ewlenin:

L-ewwel nett, hemm biss sinjali parzjali li l-migrazzjoni għandha impatt pożittiv fuq l-iżvilupp. Dan l-objettiv ġenerali ħafna, li huwa prijorità tal-politika esterna tal-UE dwar il-migrazzjoni, ifittex li jimmassimizza l-effetti ta' benefiċċju tal-migrazzjoni fuq l-iżvilupp fil-pajjiżi ta' oriġini. Il-proġetti

eżaminati kienu limitati f'termini ta' impatt u vijabbiltà, u ffukaw aktar fuq l-iżvilupp milli fuq il-migrazzjoni. L-approċċ tal-Kummissjoni biex tiżgura li l-migrazzjoni jkollha impatt pożittiv fuq l-iżvilupp mhuwiex ċar, u l-istess huwa l-każ għall-politiki meħtieġa biex jinkiseb dan l-impatt.

It-tieni nett, l-appoġġ għar-ritorni u għall-ammissjonijiet mill-ġdid ftit li xejn qed ikollu impatt. Il-proġetti awditjati (li jirrappreżentaw kwart ta' dawk iffinanzjati) ipprovdew servizzi lil migranti f'sitwazzjonijiet ta' ritorn volontarju jew ritorn furzat. Dawn il-proġetti kienu limitati fl-ambitu u l-effettività tagħhom minħabba nuqqas ta' involviment attiv, kemm mill-Istati Membri fit-tħejjija tar-ritorn tal-migranti kif ukoll mill-pajjiżi ta' ritorn, li ta' spiss ipperċepixxew il-politika dwar l-ammissjonijiet mill-ġdid bħala komponent tal-politika tal-UE dwar is-sigurtà. Ħafna migranti mhumiex konxji mill-fatt li meta jiġu ammessi mill-ġdid, huma jikkwalifikaw għal appoġġ mill-UE.

It-tielet nett, ir-rispett tad-drittijiet tal-bniedem, li għandu jirfed l-azzjonijiet kollha, jibqa' teoretiku u huwa biss rarament li jiġi kkonkretizzat fil-prattika.

Governanza kumplessa: Il-kumplessità tal-arranġamenti ta' governanza, li jinvolvu għadd kbir ħafna ta' parteċipanti, iddgħajjef il-koordinazzjoni kemm fi ħdan il-Kummissjoni kif ukoll bejn il-Kummissjoni u d-delegazzjonijiet tagħha. Minkejja għadd ta' inizjattivi reċenti, għad ma hemmx biżżejjed simplifikazzjoni f'dan il-qasam.

Il-koordinazzjoni tal-infiq fuq il-politika esterna dwar il-migrazzjoni, bejn l-UE u l-Istati Membri, hija diffiċli ħafna: Billi l-Istati Membri jistgħu jikkontribwixxu b'mod dirett għall-infiq fuq il-politika esterna dwar il-migrazzjoni, huwa essenzjali li jkun hemm mekkaniżmu effettiv ta' koordinazzjoni. Madankollu, ma kien hemm l-ebda strateġija ta' finanzjament biex jiġi ddeterminat min kien qed jiffinanzja xiex jew kif il-fondi għandhom jitqassmu.

Fir-rapport, l-awdituri jagħmlu għadd ta' rakkomandazzjonijiet lill-Kummissjoni:

- Tikkjarifika l-objettivi tal-politika dwar il-migrazzjoni, tistabbilixxi qafas għall-valutazzjoni tal-prestazzjoni u timmira r-riżorsi finanzjarji lejn prijoritajiet li jkunu ddefiniti u kkwantifikati b'mod ċar;
- Ittejjeb it-tħejjija u l-għażla tal-proġetti;
- Tenfasizza r-rabta bejn il-migrazzjoni u l-iżvilupp;
- Issaħħaħ il-koordinazzjoni fi ħdan l-istituzzjonijiet tal-UE, mal-pajjiżi sħab u mal-Istati Membri.

**Noti lill-Edituri**

It-Trattat jirrikjedi li l-UE tiżviluppa politika komuni dwar l-immigrazzjoni, l-ażil, u l-kontroll fil-fruntieri esterni, ibbażata fuq is-solidarjetà fost l-Istati Membri. Il-politika komuni ta' immigrazzjoni (l-Artikolu 79 tat-Trattat) tfittex fuq kollox li timmaniġġja l-flussi tal-migrazzjoni u li ssaħħaħ il-miżuri għall-ġlieda kontra l-immigrazzjoni irregolari. L-UE tagħti wkoll importanza partikolari lill-ġestjoni tal-flussi tal-migrazzjoni f'kooperazzjoni mal-pajjiżi ta' tranżitu jew ta' oriġini tal-migranti.

F'dan ir-rigward, l-Approċċ Globali għall-Migrazzjoni u l-Mobilità (GAMM), li ġie stabbilit fl-2011, jiffoka fuq erba' prijoritajiet: il-ġlieda kontra l-migrazzjoni irregolari, l-organizzazzjoni aħjar tal-migrazzjoni legali, it-titjib tad-dimensjoni esterna tal-politika dwar l-ażil u l-massimizzazzjoni tal-impatt tal-migrazzjoni fuq l-iżvilupp. Il-GAMM ġie adottat fil-forma ta' konklużjonijiet mill-Istati Membri li ltaqgħu fil-Kunsill, u għalhekk mhuwiex legalment vinkolanti fl-Istati Membri. Huwa primarjament

indirizzat lill-pajjiżi tal-viċinat tal-UE, li huma fl-istess waqt pajjiżi ta' oriġini, ta' tranżitu u ta' destinazzjoni.

Ir-Rapport Speċjali Nru 9/2016 tal-QEA "L-infiq tal-UE fuq il-politika esterna dwar il-migrazzjoni fil-pajjiżi tal-Viċinat tan-Nofsinhar tal-Mediterran u l-Viċinat tal-Lvant sal-2014" huwa disponibbli fit-23 lingwa kollha tal-UE.